

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Ġunju 2015 – PT Musim Mas vs Il-Kunsill(Kawża T-26/12)⁽¹⁾

[“Dumping — Importazzjoni ta’ ċerti alkoħols xaħmija u t-taħlillet tagħhom li jorġinaw mill-Indja, l-Indoneżja u l-Malasja — Aġġustament — Artikolu 2(9) u (10)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 — Funzjonijiet li jistgħu jiġu assimilati ma’ dawk ta’ aġġent li jaġixxi fuq il-bażi ta’ kummissjoni — Entità ekonomika unika — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Ugwałjanza u nondiskriminazzjoni”]

(2015/C 262/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas) (Medan, l-Indoneżja) (rappreżentant: D. Luff, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġġent, assistit inizjalment minn G. Berrisch, avukat, u minn N. Chesaies, barrister, sussegwentement minn D. Geradin, avukat, u fl-aħħar nett minn E. McGovern, barrister)

Intervenenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. França u A. Stobiecka-Kuik, aġġenti); Sasol Olefins & Surfactants GmbH (Hamburg, il-Ġermanja); u Sasol Germany GmbH (Hamburg) (rappreżentanti: inizjalment V. Akritidis, avukat, u J. Beck, solicitor, sussegwentement V. Akritidis)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1138/2011, tat-8 ta’ Novembru 2011, li jipponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b’mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta’ ċerti alkoħols xaħmija u t-taħlillet tagħhom li jorġinaw mill-Indja, l-Indoneżja u l-Malasja (ĠU L 293, p. 1), u tar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1241/2012, tal-11 ta’ Diċembru 2012, li jemenda r-Regolament ta’ Implementazzjoni Nru 1138/2011 (ĠU L 352, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas) għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.
- 4) Sasol Olefins & Surfactants GmbH u Sasol Germany GmbH għandhom ibatu i-l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 80, 17.3.2012.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni 25 ta' Ġunju 2015 – Copernicus-Trademarks vs UASI – Maquet (LUCEA LED)(Kawża T-186/12)⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali LUCEA LED — Trade mark Komunitarja verbali preċċidenti LUCEO — Assenza ta’ preeżiżenza — Invokazzjoni ta’ prioritā — Data ta’ prioritā mniżżla fir-reġistru — Dokumenti ta’ prioritā — Eżami ex officio — Drittijiet tad-difiża”]

(2015/C 262/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Copernicus-Trademarks Ltd (Borehamwood, ir-Renju Unit) għet awtorizzata tissostitwixxi lil Verus EOOD (rappreżentanti: inizjalment minn S. Vykydal, sussegwentement minn F. Henkel, avukati)